# FTIT TAGĦRIF DWAR L-ORGANIZZAZZJONI TAL-FESTA TAL-MADONNA TAS-SACRO CUOR - SLIEMA 1882–1991

*Miġbur minn Winston L. Zammit B.A. (Hons.) M.A.*

Il-Knisja tal-Madonna tas-Sacro Cuor, Sliema, ġiet imbierka u miftuħa għall-pubbliku nhar is-26 ta' Ġunju, 1881, u dakinhar stess ġiet iċċelebrata l-Festa Titulari. Xahrejn wara kienu diġà qegħdin jaħsbu għall-Festa f'gazzetta lokali ta' Awissu 1881: "Allo scopo di solennizare con insolita panpa la festa del Sacro Cuor nel mese di Giugno 1882 i Signori abitanti e villeggianti della Sliema, sono invitati contribuire qualunque somma, che a loro piacesse settimanalmente nelle mani del Sig. Angelo Bonello, collettore il quale assieme ai Signor L. Rizzo Marich e Carmelo Borg formano la giunta incaricata della Festa. I villeggianti che nei mesi invernali si trovano in città e tutti altri signori possono versare la loro contribuzione nelle mani del Signor Rizzo Marich al Teatro Real."

Sliema 29 Agosto 1881[1]

Minn dan l-avviż joħroġ biċ-ċar li kien hemm kumitat ta' tlieta minn nies, Angelo Bonello, L.Rizzo Marich u Carmelo Borg, li kienu nkarigati mill-Festa.

*Il-Kumitat tal-Festa* – Wara din in-nota ma nsibux tagħrif dwar min kien jieħu ħsieb il-festa għal tletin sena iżda hawnhekk ta' min ifakkar li f'Novembru 1881, il-Knisja għaddiet f'idejn il-Patrijiet Franġiskani, u huwa wisq probabbli li l-Gwardjan jew xi wieħed mill-patrijiet kien ikun inkarigat mill-festa li sa l-1910 kienet issir mingħajr purċissjoni.

Fl-1911, il-festa tal-Madonna tas-Sacro Cuor, kompliet tikber meta bdiet issir il-purċissjoni u fl-1912, jissemma l-Kumitat tal-Festa.[2] Fl-1917, f'gazzetta lokali nsibu ittra dwar il-festa bil-firma ta' C. Camilleri, bħala Prokuratur. Fl-ittra fost affarijiet oħra stqarr li kien isir ġbir kull nhar ta' Ħadd u Arbural.[3]

Il-Kumitat tal-Festa nerġgħu niltaqgħu miegħu fl-1918[4] u fl-1919. Fl-1919, billi l-Knisja kienet saret parroċċa f'Settembru ta' qabel, kien xieraq li l-Festa Titulari ssir b'solennità akbar. Iżda kemm minħabba l-irvellijiet tas-"Sette Giugno" u kemm minħabba li l-ġbir kien batut, il-Kumitat naqqas sewwa l-festi esterni u illimita ruħu, li jistieden banda waħda, biex tesegwixxi programm mużikali quddiem il-Knisja, u li jżejjen biss it-triq ta' quddiem il-Knisja.[5] Aktar il-quddiem kif kien wiegħed, il-Kumitat ippubblika r-rendikont. Minnu nafu li f'ħames xhur ġabar is-somma ta' £41-11-9d, u wara xi spejjeż żgħar, il-Kumitat iddepożita s-somma at' £40 fl-Anglo Maltese Bank. L-Arbural ma sarx, billi malli ttieħdet id-deċiżjoni li ma ssirx il-festa, waqaf il-ġbir.[6]

Fl-1920, minħabba nuqqas ta' ftehim, il-Kumitat tal-Festa ġie xolt u l-ġbir għall-Festa sar minn Patri Piju Balzan OFM[7] li ħabrek ħafna għas-suċċess tal-festa.[8] Iżda fl-1923, nerġgħu niltaqgħu mal-Kumitat tal-festa, li f'dik is-sena ħa ħsieb iżejjen it-toroq bi stil ġdid.[9]

Il-Kumitat jerġa' jissemma fil-festa ta' l-1924[10] u nsibu li fl-1925, il-Kumitat kien jagħmel użu mis-sede tal-Każin tal-Banda SLIEMA, biex jorganizza t-tombla, u għal din ir-raġuni l-imsemmi Kumitat, fl-1925 għamel offerta ta' £2 lill-Każin tal-Banda.[11] Il-Kumitat jerġa' jissemma fl-1927.[12]

Fl-1930, insibu lis-Sur Francesco Barbuto bħala Segretarju tal-Kumitat tal-Festa,[13] u fil-minuti tas-Seduta tal-Kumitat tas-Soċjetà Filarmonika SLIEMA, li saret fit-12 ta' Mejju

1932, insibu li l-Kumitat iddeċieda li jislef bla ħlas is-Sede "al comitato della Festa di N.S. del Sacro Cuor della Sliema per tenere una fiera e una tombola a beneficio della festa".[14]

Fl-1933, il-Prokuratur tal-Festa esterna tal-Madonna tas-Sacro Cuor kien Patri Fortunato Camilleri OFM,[15] iżda meta ħareġ ir-renidkont wara l-festa, insibu li dan kien iffirmat minn Patri Innocenz Abram bħala Prokuratur ad interim u minn Emilio Lombardi bħala kaxxier. Mill-istess rendikont nafu li l-ġbir laħaq is-somma ta' £90-9-1d filwaqt li l-ispejjeż tal-festa kienu £85-14-1d.[16] Fl-1936, il-Prokuratur kien Patri Alessandru[17] filwaqt li fl-1938 nerġgħu niltaqgħu mal-Kumitat tal-Festa.[18]

Bejn is-snin 1940–1942, minħabba l-gwerra ma saritx il-festa esterna, iżda din reġgħet bdiet issir fl-1943, u nsibu li għaliha Patri Alessandro ġabar is-somma ta' £120-2-6d.[19] Il-Kumitat tal-Festa jerġa' jissemma fl-1944,[20] fl-1946[21] u fl-1947.[22] Fl-aħħar tas-sena 1946, jew fil-bidu tal-1947, l-imsemmi Kumitat, għamel talba lill-Kumitat tas-Soċjetà Filarmonika Sliema, li għal xi seduta jkun jista' jagħmel użu minn xi kamra tal-Każin. Din it-talba ġiet milqugħa unanimament fis-seduta tal-Kumitat tat-3 ta' Jannar 1947.[23]

Fost il-membri tal-Kumitat tal-Festi Esterni ta' l-1947, insibu lis-Sur Ġustini Vella,[24] filwaqt li fl-1948 insibu lis-Sinjuri C. Camilleri, Anton Grech u Ġustinu Vella.[25] Is-Sur C. Camilleri kien il-kaxxier ta' l-imsemmi Kumitat fl-1948 u fl-1949.[26]

## RIFERENZI


1. C(orriere) M(ercantile) M(altese) 29-VIII-1881.
2. Malta e Sue Dipendenze 18-VI-1912.
3. Malta Tagħna 7-VII-1917.
4. IBID, 15-Vi-1918.
5. Malta, 1-VII-1919.
6. Malta Tagħna 5-VII-1919, 12-VII-1919.
7. Piccola Cronacci della Parrocchia di Vostra Signora dalla Sua Erezione p.23.
8. The Malta Herald 30-VI-1920.
9. Piccola Cronaca op.cit., p.40.
10. Malta Tagħna 12-VII-1924.
11. A(rkivju S(oċjetà) F(ilarmonika) S(liema) Vol 7, Seduti tal-Kumitat 1923–1927 Seduta tal-Kumitat 14-IV-1925.
12. IBID, Vol 3, Seduti tal-Kumitat 1927–32, Seduta tal-Kumitat 4-VI-1927, p.72.
13. IBID, Korrispondenza 1929–1937, ittra tas-17 ta' Ġunju 1930 bil-firma tas-Sur F. Barbuta.
14. IBID, Vol 3, Seduti tal-Kumitat 1927–1932. Seduta Kumitat 12-V-1932, p.189.
15. IBID, Vol 6, Seduti Kumitat (1932–1951), p.55.
16. A(rkivju) P(rovinċjali) F(ranġiskani) Atti Oriġinali Sliema, Vol 2, Do 140.
17. L-Anġlu tal-Paċi, Awissu 1936, p.453.
18. A.S.F.S. Vol VI, Seduti tal-Kumitat 1932–1951, Seduta tal-Kumitat 14-VI-1938.
19. A.P.P.F. Amministrazione Sliema, 1942–1951, Introito Luglio 1943.
20. A.S.F.S. Vol 6, Seduti tal-Kumitat 1932–1951, Seduti Kumitat 17-V-1944, 3-VI-1944.
21. IBID, Seduta tal-Kumitat 1-VIII-1946.
22. IBID, Seduta tal-Kumitat 9-IV-1947.
23. IBID, Seduta tal-Kumitat 3-I-1947.
24. IBID, Seduta tal-Kumitat 9-IV-1947.
25. IBID, Seduta tal-Kumitat 28-IV-1948, 29-X-1948.
26. IBID, Seduta tal-Kumitat 28-IV-1948, 16-II-1949.